VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,663, 13 ta' Lulju, 2021

Taqsima B

A.L. 293 tal-2021

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru għas-Saħħa wara konsultazzjoni mal-Kunsill tas-Saħħa, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru 3), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, liema Tielet Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "it-Tielet Skeda".

Kap. 31.

Jemenda t-Taqsima B tat-Tielet Skeda.

2. Fit-Taqsima B tat-Tielet Skeda, għandu jiġi miżjud dan li ġej:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem kimiku*
"CUMYL-PEGACLONE	5-pentyl-2-(-phenylpropan-2-yl)-2,5-dihydro-1H-pyrido[4,3-b]indol-1-one
3-methoxyphencyclidine (also known as 3-MeO-PCP)	1-(1-(3-methoxyphenyl)cyclohexyl)piperidine
Diphenidine	1-(1,2-diphenylethyl)piperidine
Clonazolam (also known as clonitrazolam)	6-(2-chlorophenyl)-1-methyl-8-nitro-4Hbenzo[f][1,2,4]triazolo[4,3-a][1,4]diazepine)
Diclazepam (also known as Ro 5-3448)	7-chloro-5-(2-chlorophenyl)-1-methyl-1,3-dihydro-2H-benzo[e][1,4]diazepin2-one

VERŻJONI ELETTRONIKA

Flubromazolam	8-bromo-6-(2-fluorophenyl)-1-methyl-4H-benzo[f][1,2,4]triazolo[4,3-a][1,4]-diazepine ".